32000D0020

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-10 ta' Diċembru 1999

li tistabbilixxi ċertifikati tas-saħħa għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem u ta' materja prima iddestinatata għall-produzzjoni ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem

(innotifikata bid-dokument numru K(1999) 3989)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2000/20/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunita Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet ta' saħħa tal-bhejjem u ta' saħħa pubblika li jirregolaw in-negozju fi u importazzjonijiet għal ġewwa il-Komunità ta' prodotti mhux soġġetti għall-ħtiġijiet imsemmija stabbiliti f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm riferenza għalihom fl-Anness A ([1]) għad-Direttiva 89/662/KEE u, fir-rigward ta' patoġeni, għad-Direttiva 90/425/KEE (3) kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/724/KE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(ċ) tagħha,

Billi:

(1) Il-Kapitolu 4 ta' l-Anness II għad-Direttiva 92/118/KEE jistabbilixxi l-ħtiġijiet speċifiċi ta' saħħa għall-preparazzjoni ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Hemm stabbilit ukoll ħtiġijiet speċifiċi għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem u ta' materja prima iddestinata għall-produzzjoni ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem;

(2) Abbozzi ta' ċertifikati tas-saħħa li għandhom jakkompanjaw l-importazzjoni ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem u l-importazzjoni ta' materja prima iddestinata għall-produzzjoni ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem;

(3) Il-miżuri li għalihom hemm provdut f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-abbozzi ta' ċertifikati tas-saħħa għall-importazzjoni ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem u l-importazzjoni ta' materja prima iddestinata għall-produzzjoni ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

Artikolu 2

Kull kunsinna ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bnedmin għandha tkun akkompanjata biċ-ċertifikat ta' saħħa kif stabbilit fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Kull kunsinna ta' materja prima destinata għall-produzzjoni ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandha tkun akkompanjata biċ-ċertifikat ta' saħħa kif stabbilit fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Iċ-ċertifikati tas-saħħa li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 2 u fl-Artikolu 3 għandhom ikunu magħmulin minn folja waħda u għandhom jiġu mimlija f'mill-inqas lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istat Membru li minnu, l-kunsinna l-ewwel li tidħol fil-Komunità u f'mill-inqas lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Ġunju 2000.

Artikolu 6

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.
([2]) ĠU L 290, tat-12.11.1999, p. 32.

L-ANNESS I

IĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

Għal ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem, maħsuba għad-dispaċċ lejn il-Komunità Ewropea

Nota għall-importatur:

Dan iċ-ċertifikat huwa biss għal għanijiet veterinarji u għandu jakkompanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post ta' spezzjoni tal-fruntiera.

In-numru ta' riferenza taċ-ċertifikat tas-saħħa: .....

Pajjiż ta' destinazzjoni: .....

esportatur: .....

Ministeru responsabbli: .....

Dipartiment taċ-ċertifikazzjoni: .....

I. **Identifikazzjoni tal-ġelatina**

Tipi ta' prodotti: .....

Data tal-manufattura: .....

Tip ta' ppakkjar: .....

Numru ta' pakketti: .....

Perjodu ta' ħżin garantit: .....

Piż nett (kg): .....

II. **Oriġini tal-ġelatina**

Indirizz(i) u numru(numri) ta' reġistrazzjoni ta' stabbilimenti ta' produzzjoni awtorizzati u rreġistrati: .....

.....

III. **Destinazzjoni tal-ġelatina**

Il-ġelatina sejra tintbagħat minn:

.....
(post tat-tagħbija)

lejn .....
(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

bil-mezz ta' trasport li ġej (1): .....

.....

Isem u indirizz tal-fornitur: .....

.....

Isem u indirizz tad-destinatarju: .....

.....

(1) Indika l-isem jew in-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni li jużaw il-linji tal-ferroviji u lorries), in-numru tat-titjira (ta' l-ajruplan) jew l-isem (tal-bastiment). Din l-informazzjoni għandha tiġi aġġornata fil-każ ta' ħatt u ta' tagħbija mill-ġdid.

IV. **Ċertifikazzjoni tas-saħħa**

Jiena, is-sottoskritt, niddikjara li jiena naf bid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 4 ta' l-Anness II ghad-Direttiva 92/118/KEE u niċċertifika li l-ġelatina deskritta fuq

- ġejja minn stabbilimenti li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-I Parti ta' dak il-Kapitolu;
- ġiet prodotta minn materja prima li ssodisfat il-ħtiġijiet tal-Partijiet II u III ta' dak il-Kapitolu;
- ġiet immanufatturata f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Part IV ta' dak il-Kapitolu;
- tissodisfa l-kriterjij tal-Parti VI(1) ta' dak il-Kapitolu.

Maghmula fi ....., nhar .....
(post) (data)

Timbru (2)

.....
(firma tal-veterinarju uffiċjali) (2)

.....
(isem b'ittri kapitali)

(2) Il-firma u t-timbru ghandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

L-ANNESS II

IĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

Għal materja prima maħsuba għall-produzzjoni ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem, maħsuba għad-dispaċċ lejn il-Komunità Ewropea

Nota għall-importatur:

Dan iċ-ċertifikat huwa biss għal għanijiet veterinarji u għandu jakkompanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post ta' spezzjoni tal-fruntiera.

In-numru ta' riferenza taċ-ċertifikat tas-saħħa: .....

Pajjiż ta' destinazzjoni: .....

Pajjiż esportatur: .....

Ministeru responsabbli: .....

Dipartiment taċ-ċertifikazzjoni: .....

I. **Identifikazzjoni tal-materja prima**

Tipi ta' prodotti: .....

Data tal-manufattura: .....

Tip ta' ppakkjar: .....

Numru ta' pakketti: .....

Perijodu ta' ħżin garantit: .....

Piż nett (kg): .....

II. **Oriġini tal-materja prima**

Indirizz(i) u numru(numri) ta' reġistrazzjoni ta' stabbilimenti ta' produzzjoni awtorizzati u rreġistrati: .....

.....

III. **Destinazzjoni tal-materja prima**

Il-materja prima sejra tintbagħat minn:

Lejn: .....

(post tat-tagħbija)

.....

(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

bil-mezz ta' trasport li ġej ([1]): .....

.....

Isem u indirizz tal-fornitur: .....

.....

Isem u indirizz tad-destinatarju: .....

.....

([1]) Indika l-isem jew in-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni li jużaw il-linji tal-ferroviji u lorries), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (bastiment). Din l-informazzjoni għandha tiġi aġġornata fil-każ ta' ħatt u ta' tagħbija mill-ġdid.

IV. **Iċ-Ċertifikazzjoni tas-saħħa**

Jiena, is-sottoskritt, niddikjara li jiena naf bid-dispożizzjonijiet tal-Parti II tal-Kapitolu 4 ta' l-Anness II ghad-Direttiva 92/118/KEE u niċċertifika li l-materja prima deskritta fuq tikkonforma mal-ħtiġijiet ta' din il-Parti II, u b'mod partikolari li [1]:

– ghadam, ġlud ta' annimali li jixtarru mrobbija, ġlud ta' l-annimali, ġlud tat-tjur u gheruq u muskoli deskritti fuq huma ġejjin minn annimali li ġew maqtula f'biċċerija u li l-karkassi tagħhom instabu tajbin ghall-konsum mill-bnedmin wara spezzjoni ante u post mortem,

u/jew

– il-ġlud tal-kaċċa ferali deskritti fuq huma ġejjin minn annimali maqtula li l-karkassi tagħhom instabu tajbin ghall-konsum mill-bnedmin wara spezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 92/45/KE,

u/jew

– il-qxur u x-xewk tal-hut deskritti fuq ġejjin minn pjanti li jimmanufatturaw prodotti tal-hut ghall-konsum mill-bniedem awtorizzati ghall-esportazzjoni.

Magħmula fi ....., nhar .....
(post) (data)

Timbru [2]

.....
(firma tal-veterinarju uffiċjali) [2]

.....
(isem, titolu u kwalifika b'ittri kapitali)

---

[1] Hassar skond kif ikun adattat.
[2] Il-firma u t-timbru ghandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar.